



## KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.3.2008  
KUMM(2008) 159 finali

2008/0064 (COD)

Proposta għal  
DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
li tikkonċerna s-sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009)  
(preżentata mill-Kummissjoni)

### **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

#### **Is-sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009)**

#### **1. INTRODUZZJONI**

L-Ewropa għandha bżonn tagħti spinta lill-kapaċità tagħha għall-kreattività u l-innovazzjoni kemm għal raġunijiet soċjali kif ukoll ekonomiċi. Il-Kunsill Ewropew irikonoxxa diversi drabi l-innovazzjoni bħala kruċjali għall-abbiltà ta' l-Ewropa biex tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni. F'Diċembru 2006, per eżempju, huwa ġibed l-attenzjoni li "l-Ewropa teħtieġ approċċ strateġiku mmirat lejn il-ħolqien ta' ambjent li jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fejn l-għarfien jinbidel fi prodotti u servizzi innovattivi"<sup>1</sup>. L-ekonomija moderna, bl-enfasi tagħha fuq iż-żieda fil-valur permezz ta' użu aħjar ta' l-għarfien u ta' l-innovazzjoni rapida, teħtieġ tkabbar is-sisien tal-ħiliet kreattivi li jinvolvu l-popolazzjoni kollha. B'mod partikolari, jinħtieġu ħiliet u kompetenzi li jippermettu l-poplu jilqa' l-bidla bħala opportunità u li jkun miftuħ għal ideat ġodda li jipromwovu l-innovazzjoni u s-sehem attiv f'soċjetà kulturalment diversa msejsa fuq l-għarfien.

Il-kapaċità għall-innovazzjoni hija marbuta mill-qrib mal-kreattività bħala attribut personali msejjes fuq il-ħiliet u l-valuri kulturali u interpersonali. Biex tisfrutta l-vantaġġ kollu tagħha, jeħtieġ li tinxtered mal-popolazzjoni kollha. Ir-rwol ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala fattur determinanti fit-titjib tal-kreattività, l-innovazzjoni, il-prestazzjoni u l-kompetittività reġa' ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007 meta huwa ressaq il-kunċett tat-"trijangolu ta' l-għarfien" li jiġbor fih l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Il-konklużjonijiet tal-Presidenza – Brussell, 14/15 ta' Diċembru 2006, paragrafu 28.

<sup>2</sup> Il-konklużjonijiet tal-Presidenza – Brussell, 8/9 ta' Marzu 2007.

Il-programm ta' ħidma "L-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010"<sup>3</sup> u l-Programmi ta' Azzjonijiet Komunitarji fl-oqsma tal-linji politiċi tat-Tagħlim Tul il-Ħajja u ż-Żgħażaġħ, u f'oqsma relatati bħall-kultura, jipprovdu opportunitajiet fil-livell Ewropew għall-iskambju ta' esperjenza u għal prassi tajba għat-tkattir tal-fehma tal-partijiet interessati f'dak li għandu x'jaqsam ma' mogħdijiet għall-promozzjoni tal-kreattività u kapaċità għall-innovazzjoni. B'mod partikolari, ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja<sup>4</sup>, tippovdi qafas ta' referenza Ewropew li jkopri tmin kompetenzi ewlenin (definiti bħala "għarfien, ħiliet u attitudnijiet") li jiġbru fihom aġenda wiesgħa għall-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull stadju tal-ħajja. Ħafna minn dawn il-kompetenzi huma rilevanti għall-kreattività u l-innovazzjoni fl-oqsma personali, interpersonali u interkulturali, inklużi "l-kompetenza fil-matematika u kompetenzi bażiċi fix-xjenza u t-teknoloġija", "il-kompetenza diġitali", "it-tagħlim dwar kif titgħallem", "il-kompetenzi soċjali u ċiviċi", "sens ta' inizzjattiva u intraprenditorija" u "għarfien u espressjoni kulturali".

Id-dikjarazzjoni ta' Sena Ewropea hija mod effettiv li tgħin fil-konfront tagħna ma' l-isfidi permezz ta' żieda fl-għarfien pubbliku, tat-tixrid ta' tagħrif dwar prattika tajba, ta' l-istimolu tar-riċerka, il-kreattività u l-innovazzjoni u l-promozzjoni tad-dibattitu dwar il-politika u l-bidla. Permezz ta' l-għaqda ta' l-azzjoni fl-livell Komunitarju, nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-ħolqien ta' opportunitajiet għas-sehem tal-partijiet interessati, jistgħu jinħolqu sinerġiji fit-tagħrif u l-attivitajiet li jkabbru l-għarfien, u jgħinu fl-iffokar tad-dibattitu politiku dwar suġġett speċifiku.

L-għan għall-2009 huwa l-promozzjoni tal-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni bħala kompetenzi ewlenin għal kulħadd. Dan huwa konsistenti mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Strateġija ta' innovazzjoni wiesgħa għall-UE*" li tiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li "mingħajr l-edukazzjoni bħala politika tal-qalba, l-innovazzjoni tibqa' mingħajr appoġġ. Hija għandha tippromwovi t-talent u l-kreattività minn stadju bikri<sup>5</sup>." Il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja huwa għalhekk mezz importanti għall-appoġġ ta' din l-inizzjattiva. Linji politiċi u programmi oħra f'oqsma relatati, bħall-intrapriża, is-soċjetà ta' l-informazzjoni, ir-riċerka, il-koeżjoni jew l-iżvilupp rurali, għandhom jappoġġjaw din is-Sena Ewropea fejn xieraq.

## 2. L-ISFOND

Il-kreattività hija karatteristika tal-bniedem li turi lilha nnifisha f'diversi oqsma u kuntesti, minn xogħlijiet ta' l-arti, id-disinn u l-artiġjanat għal avvanzi xjentifiċi u l-intraprenditorija, inkluża l-intraprenditorija soċjali. Il-karattru multidimensjonali tal-kreattività jimplika li t-tagħrif f'firxa wiesgħa ta' oqsma differenti – kemm teknoloġiċi kif ukoll mhux teknoloġiċi – jistgħu jkunu l-bażi għall-kreattività u l-innovazzjoni. L-innovazzjoni hija r-realizzazzjoni ta' ideat ġodda b'suċċess; il-kreattività hija *s-sine qua non* ta' l-innovazzjoni. Prodotti, servizzi, proċessi, strateġiji u organizzazzjonijiet ġodda jeħtieġu persuni li jiġġeneraw ideat u assoċjazzjonijiet ġodda bejniethom. Il-kompetenzi bħall-ħsieb kreattiv u t-tisjib avvanzat ta'

<sup>3</sup> *L-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 – is-suċċess ta' l-istrateġija ta' Liżbona jiddependi minn riformi urġenti*: ir-rapport konġunt adottat mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-26 ta' Frar 2004. Ara wkoll il-programm ta' xogħol dettaljat dwar is-segwitu ta' l-għanijiet tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa (ĠU C 142, 14.6.2002, p. 1).

<sup>4</sup> Ir-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE, ĠU L 394, 30.12.2006, p.10.

<sup>5</sup> COM(2006) 502 finali.

soluzzjonijiet huma għalhekk essenzjali fil-qasam ekonomiku u soċjali daqs kemm huma fil-qasam artistiku.

Il-komunitajiet tal-kreattività u l-innovazzjoni – dawk ta' l-arti fuq naħa waħda u tat-teknoloġija u l-kummerċ fuq in-naħa l-oħra – ta' sikwit mhumiex konnessi kif xieraq. Kontribut importanti tas-Sena għandu jkun l-għaqda ta' dawn iż-żewġ dinjiet flimkien, billi jintwera b'eżempji konkreti l-valur tal-kunċetti tal-kreattività u ta' l-innovazzjoni meqjusa flimkien f'għadd ta' oqsma, bħal fl-iskejjel, fl-universitajiet, fl-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi.

Jeżisti sors ta' innovazzjoni importanti li wieħed jista' jsib barra organizzazzjoni u li ta' sikwit ma jiġix utilizzat: l-utent. Il-ħtiġijiet ta' l-utent jistgħu jservu bħala l-punt tat-tluq għall-iżvilupp, għat-titjib u/jew għat-tfassil ta' prodotti u servizzi ġodda aktar kompetittivi. Permezz ta' kompetenzi xierqa, l-utenti bħala konsumaturi jistgħu mhux biss jipprovdu ambjent tas-suq li jiffavorixxi l-innovazzjoni, iżda jistgħu wkoll isolvu problemi mhux previsti u jieħdu sehem huma stess fl-iżvilupp ta' prodotti u servizzi. L-effett pożittiv ta' l-involvement tal-konsumatur jispjega għalfejn il-produtturi ta' teknoloġiji ġodda li jaħdmu mill-qrib ma' l-utenti għandhom rata għolja ta' suċċess fl-innovazzjoni.

Ir-relazzjoni bejn il-kompetenzi u l-innovazzjoni hija waħda dinamika: l-attitudnijiet tal-poplu kif ukoll il-ħiliet u l-għarfien tagħhom jgħinu biex imexxu l-innovazzjoni 'l quddiem, u l-innovazzjoni min-naħa tagħha tikkontribwixxi biex tbiddel id-domanda għall-ħiliet, flivell ta' soċjetà kif ukoll f'livell ta' kumpanija. Ma teżisti l-ebda riċetta b'taħlita ta' ħiliet individwali li twassal għas-suċċess fl-innovazzjoni fiċ-ċirkostanzi kollha. Il-proċessi ta' innovazzjoni qed isiru dejjem aktar imqabba ma' networks, multidixxiplinarji u orjentati lejn il-problemi, waqt li jistipulaw domandi ogħla għal ħiliet ġeneriċi bħat-tagħlim ta' kif titgħallem u l-kapaċità ta' interazzjoni effettiva ma' l-oħrajn. Minn hawn tiġi l-importanza tar-rikonoxximent tal-kompetenzi bħal "l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet", kif turi r-Rakkomandazzjoni dwar il-kompetenzi ewlenin. L-attitudni għall-bidla tista' tkun daqstant importanti daqs il-kwalifiki aktar formali.

Kwalità fundamentali li tirted il-kapaċità kreattiva u l-kapaċità ta' l-innovazzjoni hija l-motivazzjoni flimkien ma' sens ta' inizjattiva. Is-sisien ta' kwalitajiet bħal dawn jitqiegħdu fil-fażijiet bikrin ta' l-iżvilupp personali. Il-kreattività tokkupa sehem sinifikanti tal-kurrikulu fis-snin skolastiċi bikrin, iżda s-sehem tagħha jonqos drastikament matul it-taħriġ edukattiv ta' l-istudenti. Sfida waħda ewlenija li tinsab quddiem is-sistemi ta' l-edukazzjoni hija, għalhekk, kif wieħed għandu jżomm il-fjamma tal-kreattività mixgħula fit-tfal u fiż-żgħażaġh. Ir-risposti kienu jinkludu, per eżempju, it-tqegħid ta' aktar enfasi fuq suġġetti kreattivi, l-iżvilupp ta' strateġiji ġodda għat-tagħlim u t-trawwim ta' bosta attivitajiet barra l-kurrikulu.

Fl-istess ħin, il-kompetenzi interkulturali u interpersonali huma kruċjali biex iħejju l-individwi jieħdu sehem b'mod effettiv u kostruttiv fil-ħajja soċjali u fid-dinja tax-xogħol, b'mod partikolari f'soċjetajiet ta' diversità kulturali li dejjem aktar qed tiżdied. Il-kompetenza ċivika tnejj l-individwi biex jieħu sehem bis-siħ fil-ħajja ċivika, imsejsa fuq l-għarfien tal-kunċetti u l-istrutturi soċjali u politiċi u fuq impenn għal sehem attiv u demokratiku. Dawn is-settijiet ta' ħiliet u għarfien huma għalhekk importanti wkoll għat-trawwim tal-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni.

Il-pressjoni li qed tinġemgħa fl-iżvilupp ta' ħiliet kreattivi, innovattivi u kritiċi timplika li l-istrateġiji tradizzjonali tat-tagħlim imsejsa fuq l-istruzzjoni diretta jew fuq il-lekċering m'għadhomx jgħoddu. Dawn qed jinbidlu b'mudelli li jiffukaw aktar fuq min qed jitgħallem u li

huma msejsa fuq l-involvement attiv ta' l-istudent fil-proċess ta' riflessjoni u interpretazzjoni. It-tagħlim jinkiseb flimkien ma' oħrajn, permezz ta' tibdil kreattiv fil-prattika u fid-drawwiet soċjali. Kultura organizzazzjonali li tappoġġa l-ftuħ u l-kreattività hija prekundizzjoni kruċjali għat-tagħlim u l-innovazzjoni ta' suċċess.

### **3. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT MISTENNI**

#### **3.1. Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Saru diskussjonijiet informali dwar l-organizzazzjoni ta' Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni, imsejsa fuq programmi eżistenti, ma' Membri tal-Parlament Ewropew u ma' l-Istati Membri. Il-kontenut ta' l-inizjattiva intlaqa' tajjeb, u l-għadd dejjem jikber ta' rikjesti għal aktar tagħrif li wasal għand varjetà sħiħa ta' partijiet interessati jindika li hemm domanda kbira għalih.

#### **3.2. L-impatt mistenni**

Il-programm ta' ħidma ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 jagħti kontribut kbir, inklużi rapporti darbtejn fis-sena dwar il-kooperazzjoni tul firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet u rakkomandazzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ jew prinċipji oħra li ma jorbtux jew strumenti li għandhom x'jaqsmu ma' suġġetti speċifiċi bħar-rikonoxximent ta' riżultati ta' tagħlim mhux formali u informali u gwida tul il-ħajja. Madankollu, ħafna mill-attivitajiet u mill-kontribut tal-programm huma indirizzati l-ewwel nett lill-prattikanti u lil dawk li jfasslu l-politika, u mhumiex ċari biżżejjed għal udjenza usa'.

Sena Ewropea li tiffoka fuq l-iżvilupp tal-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni għandha tipprovdi opportunità biex tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku ġenerali lejn parti minn dan il-kontribut b' mod li jkun aċċessibbli u li jista' jattira l-immaġinazzjoni tagħhom, filwaqt li tibni fuq ir-riżultati ta' l-analiżi u tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika diġà approvati f'livell Ewropew. Għandha tagħti wkoll lill-partijiet interessati, inklużi lill-istituzzjonijiet u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu f'livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali, l-opportunità li jagħmlu impatt akbar u li jiksbu aktar rikonoxximent għall-isforzi tagħhom permezz tas-schem f'inizjattiva mifruxa ma' l-Ewropa kollha. Is-Sena għalhekk għandha tgħin biex issaħħaħ l-impatt tal-proċessi eżistenti skond il-programm ta' ħidma ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 u biex tiġġenera massa kritika ta' attivitajiet li jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' ħiliet relatati mal-kreattività u ma' l-innovazzjoni. Din għandha wkoll tibni fuq ir-riżultati tas-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali (2008) billi tenfasizza l-importanza tal-ħiliet interpersonali u interkulturali fit-trawwim tal-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni f'ambjent ta' diversità kulturali.

B'dan il-mod, is-Sena hija mistennija li jkollha ta' l-anqas impatt daqstant sinifikattiv daqs inizjattivi ta' l-istess tip li kien hemm qabilha fil-qasam ta' l-edukazzjoni, bħas-Sena Ewropea tat-Tagħlim Tul il-Ħajja (1996) u s-Sena Ewropea ta' l-Edukazzjoni permezz ta' l-Isports (2004). Il-punt fokali attwali fuq il-kompetittività, l-għarfien u l-ħiliet fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Liżbona għandu x'aktarx jipprovdi ambjent li fih il-partijiet interessati jkunu dejjem aktar disposti għar-riżultati tas-Sena.

L-attivitajiet fl-oqsma tal-linji politiċi rilevanti għajr l-edukazzjoni, bħall-intrapriża, il-mezzi pubbliċi tax-xandir, il-koeżjoni, l-iżvilupp rurali u r-riċerka, diġà qed jikkontribwixxu, direttament jew indirettament, għall-promozzjoni tal-kreattività u tal-kapaċità ta' l-

innovazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibni fuq dawn l-attivitajiet biex iżżid ma' l-impatt tas-Sena.

#### 4. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

##### 4.1. Ġabra fil-qosor ta' l-għanijiet ta' l-azzjoni u tal-miżuri proposti

L-għan ġenerali tas-Sena Ewropea huwa l-promozzjoni tal-kreattività għal kulħadd bħala mutur li jmxexxi l-innovazzjoni u bħala fattur ewlieni għall-iżvilupp ta' kompetenzi personali, professjonali, intraprenditorjali u soċjali fil-proċess ta' taġħlim tul il-ħajja.

Biex wieħed ilaħħaq mal-kunċett tat-taġħlim tul il-ħajja approvat mir-Reżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-taġħlim tul il-ħajja tas-27 ta' Ġunju 2002<sup>6</sup>, il-promozzjoni tal-kreattività u kapaċità għall-innovazzjoni għandhom jitfasslu għal kull stadju f'dan il-proċess ta' taġħlim, sa mill-istadju edukattiv bikri għal dak obbligatorju, u għall-edukazzjoni u t-taħriġ li jsegwu l-edukazzjoni obbligatorja u li jestendu tul il-ħajja tax-xogħol u jibqgħu sejrjn sal-fażi ta' wara l-irtirar. Dan għandu japplika għall-ambjenti ta' taġħlim formali, mhux formali kif ukoll informali.

Bħal fil-każ tas-Snin Ewropej oħra, il-miżuri għandhom jinkludu kampanji ta' taġħrif u ta' promozzjoni, avvenimenti u inizjattivi fl-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jitwasslu l-messaġġi ewlenin u jinxtred it-taġħrif dwar eżempji ta' prattika tajba. Is-Sena għandha tkun implimentata permezz ta' l-użu ta' programmi Komunitarji eżistenti, b'mod partikolari l-Programm ta' Taġħlim Tul il-Ħajja 2007-2013<sup>7</sup> u l-Programm Kulturali 2007-2013<sup>8</sup>, u programmi u inizjattivi oħra fi ħdan il-prijoritajiet stipulati għal kull instrument għall-perjodu inkluż l-2009<sup>9</sup>. Dawn il-prijoritajiet jinkludu għanijiet immirati lejn ċerti setturi bħal: il-qawmien u l-infurzar tal-kreattività u l-innovazzjoni jew l-iżvilupp ta' strateġiji pedagoġiċi innovattivi li jinvolvu l-arti kreattiva u x-xjenza fl-iskejjel; il-promozzjoni tat-“trijangolu ta' l-għarfien” permezz ta' l-istabbiliment ta' reġjuni ta' taġħlim iċċentriati fuq l-universitajiet bħala l-forza li tixpruna l-iżvilupp reġjonali; l-appoġġ ta' l-iżvilupp u t-trasferiment ta' l-innovazzjoni permezz tat-taħriġ vokazzjonali; il-promozzjoni tas-sodisfazzjon personali ta' l-adulti permezz ta' l-iżvilupp ta' l-għarfien kulturali u tal-kapaċità taġħhom fl-espressjoni kreattiva u fl-innovazzjoni permezz ta' l-edukazzjoni għall-adulti; u, għar-rabtiet kollha fil-katina tat-taġħlim tul il-ħajja, attivitajiet u avvenimenti ta' komunikazzjoni biex ixerrdu u japplikaw ir-riżultati.

Biex ikun żgurat li l-attivitajiet organizzati matul is-Sena huma mfasla għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi ta' kull Stat Membru u li l-impatt massimu qed jintlaħaq mil-lezzjonijiet miksuba fl-livell Ewropew, l-Istati Membri huma mitluba jaħtru koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sehem taġħhom fis-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni fejn il-Koordinatur nazzjonali ta' Liżbona ma jistax jeżerċita dan ir-rwol b'mod siewi. Grupp Ewropew li jmxexxi, li jinkludi rappreżentanti tal-koordinaturi nazzjonali, għandu jikkoordina l-attivitajiet fl-livell Ewropew.

---

<sup>6</sup> ĠU C 163, 9.7.2002, p. 1.

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45): [http://ec.europa.eu/education/programmes/llp/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/education/programmes/llp/index_en.html)

<sup>8</sup> Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 22).

<sup>9</sup> [http://ec.europa.eu/education/programmes/llp/call08/prior\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/education/programmes/llp/call08/prior_en.pdf)

## **4.2. Il-bażi legali**

Is-sisien ta' din l-inizjattiva huma l-Artikolu 149 u l-Artikolu 150 tat-Trattat tal-KE. Dawn iż-żewġ artikoli tpoġġew flimkien b'mod komuni, waqt li jħarsu l-istrateġija tat-tagħlim tul il-ħajja li ġiet approvata f'ħafna testijiet Komunitarji aktar minn għaxar snin ilu, inklużi dawk imsemmija fil-premessi.

## **4.3. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Din il-proposta tħares il-prinċipju tas-sussidjarjetà, bl-istess mod bħal-Programm eżistenti ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, li se jkun mezz importanti fl-implimentazzjoni tas-Sena. Bħal f'dan il-każ, l-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu sa ċertu punt suffiċjenti permezz ta' azzjoni min-naħa ta' l-Istati Membri biss, minħabba li l-azzjoni fuq livell nazzjonali weħidha ma tibbenefikax mid-dimensjoni Ewropea ta' l-iskambji ta' esperjenza u ta' prassi tajba bejn l-Istati Membri mmirati lejn il-promozzjoni ta' kompetenzi ewlenin fil-qasam speċifiku tal-kreattività u ta' l-innovazzjoni.

L-għanijiet tal-proposta jistgħu jinkisbu aħjar permezz ta' azzjoni Komunitarja billi s-Snin Ewropej huma tipikament imfassla biex jilħqu l-isfidi komuni li l-Ewropa tiffaċċja billi tinholq massa kritika permezz ta' taħlita ta' żieda fl-għarfien pubbliku u l-promozzjoni tad-dibattitu politiku.

## **4.4. Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-kors ta' azzjoni propost huwa wieħed sempliċi, li jorbot fuq il-programmi eżistenti u fuq l-iffukar mill-ġdid ta' l-attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq it-temi tas-Sena, u ma jimponi l-ebda sforzi ta' treġija sproporzjonati fuq l-amministrazzjoni li jimplementawh.

## **4.5. L-għażla ta' strument**

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq li jiżgura l-involviment bis-siħ ta' l-awtorità leġislattiva fit-tfassil tas-Sena.

## **5. L-IMPATT BAĠITARJU**

L-ebda finanzjament addizzjonali m'hu mitlub għas-Sena. Il-flessibilità għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fuq bażi annwali jew multiannwali fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u fi programmi rilevanti oħra ttiprovdi marġini finanzjarju biżżejjed għall-appoġġ ta' kampanja li tkabbar l-għarfien fuq skala simili għal dik tas-Snin Ewropej ta' qabel. Ir-riżorsi amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-Sena jistgħu wkoll jinstabu fil-baġits amministrattivi eżistenti.